28 FEB 2022

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 556**

**It-Tnejn 24 ta' Jannar 2022**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angelo Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**556.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

556.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna ikun skużat.

556.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella ikun skużat.

**556.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

556.2.1 Il-minuti tal-555 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri.

**556.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

556.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill kienet ħarġet bil-*leave* tal-maternita` b'effett minn nhar il-Ħamis 6 ta' Jannar, 2022. Is-Sindku żied jgħid li l-impjegata kienet ser tirrikorri għal-*leave* tal-maternita` għall-perjodu mhux interrot ta' tmintax (18)-il ġimgħa. L-ewwel erbatax (14) ġimgħa jitħallsu minn min iħaddem iżda l-ġimgħat lil hinn mill-erbatax (14)-il ġimgħa ma jitħallsux mill-Kunsill. Barra minn hekk l-impjegata kienet talbet li tingħata tlett (3) xhur *parental leave* bla ħlas, kif imniżżel fil-ftehim kollettiv għall-ħaddiema klerikali ġewwa l-Kunsill Lokali.

556.3.2 Is-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri talbet li tkun skużata għal ftit minuti. Dan peress illi minħabba problemi tekniċi kienet ser toħroġ mil-laqgħa u terġa' tidħol mill-ġdid.

556.3.3 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li kien qed isir mill-Gvern Ċentrali fil-lokalità u qal illi kien inbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq is-Santwarju u fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jingħalaq l-aċċess għall-vetturi. It-trasport kollu, inkluż it-trasport pubbliku, kien ser jiġi devjat lejn Triq Alessio Erardi, Bieb is-Sultan jew lejn Triq San Leonardu. Is-Sinjura Anna Calleja rringrazzjat lis-Sindku talli ħa ħsieb jinforma familja b' persuni bi bżonnijiet speċjali li kien ser jingħalaq l-aċċess fi Triq is-Santwarju.

556.3.4 Is-Sindku qal illi kien inbeda l-proġett ta' tisbiħ tal-*Urban Greening,* fl-ex venda ta' Ħaż-Żabbar li qiegħda fi Triq is-Santwarju, u wara mistenni jinbeda l-proġett fi Triq Santa Duminka u fi Triq Ġużeppi Pace.

556.3.5 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet ta' *resurfacing* li qed isiru fi Triq is-Santwarju kienx marbut li jlesti x-xogħol fi żmien

stipulat. Is-Sur Agius staqsa wkoll kemm kien ser idum għaddej ix-xogħol f'din it-triq. Is-Sindku qal illi mill-informazzjoni li għandu, ix-xogħol fi Triq is-Santwarju mistenni jdum madwar għaxart (10) ijiem. Is-Sindku żied jgħid li x-xogħol mistenni jinbeda u jitlesta fil-ħin peress illi s-servizzi tal-ilma kienu kollha taħt il-bankini u għaldaqstant ix-xogħol f'din it-triq ma kellux jieħu fit-tul. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-proġett kienx jinkludi bini ta' *culverts* tal-ilma tax-xita ġodda. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Dan peress illi l-qlib tat-triq iwassal l-ilma tax-xita dirett fil-*culverts* li hemm konnessi mal-mini ta' taħt l-art tan-*National Flood Relief Project,* li hemm maġenb il-monument ta' Agatha Barbara. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi wara li jingħata wiċċ ġdid fi Triq is-Santwarju, kien ser jitlesta xogħol fit-toroq tal-madwar.

556.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienu nbdew diskussjonijiet mal-entitajiet konċernati sabiex isir xogħol ta' tisbiħ f'Misraħ San Ġakbu.

556.3.7 Is-Sindku qal li l-kuntrattur tal-Kunsill kien kważi lesta x-xogħol infrastrutturali tal-*pelican lights* fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa u fil-ġimgħat li ġejjin mistenni jinbeda x-xogħol tal-*wiring* tal-*cables* tad-dawl. Is-Sindku żied jgħid li kif jitlesta dan ix-xogħol, il-kuntrattur tal-Kunsill kien ser jibda ix-xogħol sabiex issir iż-*zebra crossing* maġenb il-grawnd tas-St Patrick.

556.3.8 Is-Sinjura Anna Calleja lmentat li t-tabelli tad-*diversions* kienu qed jitħallew fit-toroq minkejja li x-xogħol ikun tlesta jew wieqaf għal żmien fit-tul. Is-Sindku qal illi t-tabelli ma jkunux tneħħew minħabba li x-xogħol ikun għadu ma tlestiex. Is-Sinjura Calleja talbet li t-tabelli jitgħattew f'każ li ma jkunx għad hemm aktar bżonnhom.

556.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jitkompla l-proġett tan-*new water* mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku żied jgħid li sabiex isir dan ix-xogħol kienet ser tingħalaq karreġġjata tat-traffiku fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

556.3.10 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fi Triq il-Kbira kienu ser jinbidlu l-*cables* tad-dawl u kien ser isir tindif tal-*main* tad-drenaġġ tat-triq.

556.3.11 Is-Sindku qal illi permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun kien sar xogħol ta' tibjid tal-ħajt ta' barra tal-latrina li hemm fi Ġnien il-Kunsill kif ukoll xogħol ta' manutenzjoni tal-bankina minn Triq Hompesch sal-bankina ta' quddiem iċ-Ċentru Ċiviku.

556.3.12 Is-Sindku tkellem dwar il-permess ta' *encroachment* li nħareġ fi Triq iċ-Ċawsli mill-Awtorità tal-Artijiet u nforma lill-membri preżenti li l-bieb kien leħaq infetaħ mill-applikanti. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien qed jipproċedi b'mod legali sabiex il permess li kien inħareġ mill-Awtorità tal-Artijiet jiġi rtirat.

556.3.13 Il-Viċi Sindku staqsiet f'hix kien wasal il-proġett ta' titjib li kellu jsir fil-grawnd tal-*5 A Side* li hemm fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku qal illi x-xogħol mistenni jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

556.3.14 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qed iħejji x-xogħol preparatorju relatat mal-proġett ta' tisbiħ tal-latrina pubblika li hemm fi Triq iċ-Ċawsli.

556.3.15 Dwar il-proġett tad-dar tal-anzjani, is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġimgħat li ġejjin kienet ser issir laqgħa sabiex jiġu konklużi l-pjanti li ġew sottomessi. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-proċess kienx wasal fil-final. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien intalab jemenda l-pjanti qabel jiġu sotttomessi għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Kurja.

**556.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

556.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**556.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

556.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti mill-31 ta' Diċembru 2021 sal-24 ta'Jannar 2022 li kien jammonta għal €54,966.95.

556.5.2 Is-Sindku rrefera għat-talba li ġiet imressqa mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni tal-bankina fi Triq Santa Tereża u qal illi dan ix-xogħol kien ser isir permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun fil-jiem li ġejjin. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas fakkret lis-Sindku dwar it-talba li kienet ressqet minħabba sinjali ta' żebgħa fi Triq Corrado. Is-Sindku qal illi kif ikun bnazzi l-ħaddiema tal-Kunsill kienu ser joħorġu jagħmlu rifriskar taż-żebgħa fit-toroq. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li r-resident kien kellimha sabiex ma jsirx ix-xogħol ta' żebgħa fi Triq Corrado.

**556.6 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-impjegati**

556.6.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu (10%) tal-*performance bonus* għas-sena 2021.

556.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-*appraisal report* tal-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2021. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati tal-Kunsill jieħdu l-massimu (6%) tal-*performance bonus*.

**556.7 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- **Servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021)**

556.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-membri tal-Bord ta' Evalwazzjoni kienu għadhom ma kkonkludewx il-proċess ta' evalwazzjoni.

**556.8 Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr**

556.8.1 Is-Sur Mark Grech iddikjara li kellu kunflitt ta' nteress dwar din id-deċiżjoni peress illi wieħed min-nominati għal-Ġieħ Ħaż-Żabbar kien iz-ziju tiegħu u għalhekk talab li jkun skużat sakemm tiġi diskussa din il-materja sabiex ma jieħux sehem f'din id-diskussjoni u fid-deċiżjoni.

556.8.2 Fis-6.35 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

556.8.3 Fis-7.20 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

556.8.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti erba' (4) Ġieħ Ħaż-Żabbar skont in-nominazzjonijiet fil-lista annessa.

556.8.5 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti erbatax (14) -il Ċertifikat ta' Ħajr skont in-nominazzjonijiet fil-lista annessa.

556.8.6 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti żewġ (2) Rikonoxximenti Speċjali skont in-nominazzjonijiet fil-lista annessa.

556.8.7 Peress illi għad-dekasteru tat-tindif ħadd ma ġie nominat, is-Sindku qal illi kien ser jistaqsi lill-Arċipriet minn min kien isir ix-xogħol ta' tindif fil-Knisja Arċipretali. Dan sabiex jiġi kkunsidrat li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr taħt id-dekasteru tat-tindif.

556.8.8 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li t-tifkiriet kommemorattivi li ser jitqassmu fl-okkażjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar isiru *3D.*

556.8.9 Is-Sindku qal illi d-data taċ-ċerimonja ta' Jum Ħaż-Żabbar għad trid tiġi diskussa u ssuġġerixxa li ssir viċin id-data tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja.

556.8.10 Fl-okkażjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar is-Sindku qal illi kienet ser tinxtgħel il-Mina ta' Hompesch bħalma kienet tinxtgħel fil-passat bil-bozoz LED. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kif kien ser isir id-dawl mal-Mina ta' Hompesch u jekk kienx isir twaħħil ta' bozoz mal-Mina ta' Hompesch. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mal-Mina ta' Hompesch ma setax isir twaħħil ta' granpuni minħabba li l-Mina kienet

skedata. Is-Sindku qal illi ma kienux ser isiru toqob mal-Mina ta' Hompesch u t-twaħħil tal-bozoz kien ser jeħel mal-granpuni li hemm eżistenti. Is-Sindku qal illi l-Mina ta' Hompesch kienet ser tkun armata b'mod tradizzjonali. Dwar il-filmat ta' Jum Ħaż-Żabbar is-Sindku qal illi kien għadu qed jaħdem fuqu. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal Memo 122/2010 relatata mal-attivitajiet dwar Jum il-Lokal u qalet li l-ispiża globali għall-attivitajiet ta' Jum il-Lokal m'għandhiex taqbeż l-ammont ta' €3,500 jew 0.5% tal-allokazzjoni, liema minnhom tkun l-ogħla. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kinitx ser issir quddiesa fl-okkażjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar.

556.8.11 Is-Sindku qal illi minħabba l-pandemija din-is-sena l-Karnival ta' Malta kien ser isir f'forma ridotta bejn il-25 ta' Frar u l-1 ta' Marzu. Is-Sindku ppropona sabiex matul il-ġranet tal-Karnival jittella` programm bil-kollaborazzjoni mal-kumpanija *Dream Team* għal-prezz ta' €1,500. Is-Sindku qal illi l-programm kien jinvolvi karru tal-karnival fl-entratura ta' Ħaż-Żabbar u diversi attrazzjonjiet madwar il-lokalita`. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposa tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attivita`bil-kollaborazzjoni ma' *Dream Team* għall-prezz ta' €1,500.

**556.9 Attivitajiet tal-Anniversarju ta' 225 Sena Belt Hompesch**

556.9.1 Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet marbuta mal-anniversarju ta' 225 Sena Belt Hompesch u qal illi dawn mistennija jibdew fit-tieni nofs tas-sena 2022 minħabba li matul ix-xhur li ġejjin ikun għadu għaddej ix-xogħol infrastrutturali fit-toroq tal-lokalità. Is-Sindku talab lill membri preżenti sabiex iressqu s-suġġerimenti tagħhom sabiex jittella' programm ta' attivitajiet. Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet li ssir preżentazzjoni bid-dwal u jiġu mdawwla monumenti storiċi. Is-Sindku qal illi flimkien mal-Arċipriet kien qed jiddiskuti l-possibiltà li l-attivitajiet isiru matul ix-xahar ta' Settembru, 2022. Is-Sindku ppropona li tintbgħat ċirkulari lill-għaqdiet lokali kollha sabiex jiġu nfurmati li fl-1 ta' Ġunju, fl-10 ta' Settembru, u fl-14 ta' Settembru, 2022 il-Kunsill kien ser jorganizza programm ta' attivitajiet. Minħabba li l-10 ta' Settembru hija s-Sibt tal-festa, is-Sindku semma l-possibiltà li l-attività f'din il-ġurnata ssir bil-kollaborazzjoni mal-għaqdiet lokali. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fl-10 ta' Settembru kienet il-ġurnata tat-*Tedeum* u ma kienx jaqbel li l-Kunsill jorganizza attivita' dakinhar minħabba li filgħodu jkun hemm il-marċ tal-festa. Is-Sindku qal illi minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID 19 għad hemm numru ta' restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tal-festa. Is-Sur Joseph Agius staqsa kemm ser tkun in-nefqa għal din l-attività. Is-Sindku qal illi l-ewwel il-Kunsill irid jiddeċiedi il-programm ta' attivitajiet imbagħad ikun jista' jiddeċiedi kemm ser tkun l-ispiża.

**556.10 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

556.10.1 Ma kienx hemm talbiet għal rimbors.

## 556.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

556.11.1 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kienu ser isiru l-marki tal-karreġġjata fi Triq Bajada.

556.11.2 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li tiġi rranġata siġra li hemm imxeqilba għal nofs it-triq fi Triq il-Labour. Is-Sindku qal illi l-Kunsill diġa ressaq t-talba lill-entitajiet konċernati.

556.11.3 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienu qed ikellmuh ir-residenti minħabba li l-Kunsill kien ilu ma jqassam boroż tar-reċiklaġġ. Is-Sur Buttigieg ilmenta li l-*Green MT* ma kienx qed jissuplixxi biżżejjed boroż għar-residenti kollha minħabba li s-sena li għaddiet l-iskema kienet provdit madwar 3,500 pakkett meta f'Ħaż-Żabbar hawn madwar 5,600 residenza. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-jiem li għaddew il-Kunsill kien ingħata kunsinna ta' boroż. Is-Sindku talab l-assistenza tal-Kunsillieri sabiex iqassmu l-boroż lir-residenti. Is-Sur Joseph Buttigieg insista li jekk jiġu r-residenti kollha, il-Kunsill ma kellux biżżejjed boroż għal kulħadd.

556.11.4 Is-Sinjura Anna Calleja tkellmet dwar il-problema li qed jaffaċċjaw ir-residenti li joqgħodu fi blokka appartamenti. Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk ir-residenti setgħux ipoġġu l-iskart tagħhom f'post alternattiv minflok wara l-bieb minħabba li fil-blokka kien hemm madwar għoxrin appartament. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u qal illi l-blokka suppost għandha kamra fejn jitpoġġa l-iskart. Is-Sinjura Calleja ressqet ilment li kienet irċeviet minn residenti li joqgħodu fi Triq Ħadd in-Nies peress illi l-kollettur tal-iskart ma kienx qed jiġbor il-boroż tal-iskart minn wara l-bieb tal-appartamenti. Is-Sindku talab lis-Sinjura Calleja sabiex tgħaddilu d-dettalji dwar dan il-każ partikolari.

## 556.12 Mozzjonijiet

556.12.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

## 556.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

556.13.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 28 ta' Frar, 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

556.13.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.44 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-558 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Frar, 2022

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku